



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.3.2014
COM(2014) 201 final

ANNEX 1

ANNESS

PROTOKOLL

**fuq Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji
ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni**

għall-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' Protokoll tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi
Assoċazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u
r-Repubblika tal-Libanu, fuq in naħa l-oħra, fuq Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u
r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji ġenerali għas-sehem tar-Repubblika tal-
Libanu f'programmi tal-Unjoni**

**ANNESS
PROTOKOLL**

**fuq Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Libanu dwar il-prinċipji
ġenerali għall-parteciċipazzjoni tar-Repubblika tal-Libanu fil-programmi tal-Unjoni**

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejja "l-Unjoni",

min-naħa l-waħda,

u

IR-REPUBBLIKA TAL-LIBANU, minn hawn 'il quddiem imsejja "il-Libanu"

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejja konġuntament "il-Partijiet",

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, fuq in-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem imsejja "il-Ftehim Ewro-Mediterranju"¹, kien iffirmat fi Brussell fl-1 ta' April 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.
- (2) Il-Kunsill Ewropew tas-17 u tat-18 ta' Ġunju 2004 laqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004.
- (3) F'haġna okkażjonijiet oħrajn, il-Kunsill approva dik il-politika fil-konklużjonijiet tiegħu.
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill esprima appoġġ għall-approċċ ġenerali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Diċembru 2006 sabiex il-pajjiżi sħab tal-PEV jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji skont il-merti tagħhom u meta l-bażijiet ġuridiċi jippermettu li jsir dan.
- (5) Il-Libanu esprima x-xewqa li jipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.
- (6) It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-parteciċipazzjoni tal-Libanu f'kull programm tal-Unjoni partikolari, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titthallas mil-Libanu kif ukoll il-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Libanu jkun jista' jipparteċipa fil-programmi kollha tal-Unjoni attwali u futuri li huma miftuħa għall-parteciċipazzjoni tal-Libanu skont id-dispożizzjonijiet rilevanti li jadottaw dawk il-programmi.

¹ Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra (ĠUUE L 143, 30.05.2006, p.2)

Artikolu 2

Il-Libanu jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea li jikkorrispondu mal-programmi speċifiċi tal-Unjoni li fihom jipparteċipa l-Libanu.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Libanu jkunu jistgħu jieħdu sehem, bħala osservaturi u, għall-punti li jikkonċernaw lil-Libanu, fil-kumitati ta' ġestjoni responsabbli għall-monitoraġġ tal-programmi tal-Unjoni li l-Libanu jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjarji għalihom.

Artikolu 4

Il-proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mil-Libanu, kemm jista' jkun, ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-programmi kkonċernati kif huma applikati lill-Istati Membri.

Artikolu 5

1. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteċipazzjoni tal-Libanu f'kull programm tal-Unjoni partikolari, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mil-Libanu kif ukoll il-proċeduri tar-rappurtar u tal-evalwazzjoni, għandhom jiġu determinati bi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Libanu, abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi tal-Unjoni kkonċernati.

2. Jekk il-Libanu japplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex jipparteċipa fi programm tal-Unjoni partikolari abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprovdi għall-assistenza esterna tal-Unjoni lil-Libanu li jista' jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mil-Libanu tal-assistenza esterna tal-Unjoni jiġu determinati fi ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 6

1. Kull ftehim konkluż skont l-Artikolu 5 għandu jistipula, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li l-kontrolli jew l-awditi finanzjarji jew verifiki oħra, inklużi l-investigazzjonijiet amministrattivi jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

2. Ikun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontroll u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, il-penali u l-irkupru li jagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri setgħat ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew tal-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠUUE L 298, 26.10.2012, p. 1).

Artikolu 7

1. Dan il-Protokoll għandu japplika għall-perjodu li matulu jkun fis-seħħ il-Ftehim Ewro-Mediterranju.
2. Dan il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.
3. Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dan il-Protokoll għandu jgħod li s-sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika. It-terminazzjoni tal-Protokoll minħabba d-denunzja minn xi waħda mill-Partijiet ma għandhiex taffettwa l-verifiki u l-kontrolli li għandhom jgħod, kif xieraq, f'konformità mal-Artikoli 5 u 6.

Artikolu 8

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u wara kull tliet snin sussegwenti, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteċipazzjoni effettiva tal-Armenja fi programmi tal-Unjoni.

Artikolu 9

Dan il-Protokoll għandu japplika, min-naħa l-waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat, u min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Libanu.

Artikolu 10

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri tagħhom meħtieġa biex dan jidħol fis-seħħ.
2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament dan il-Protokoll mid-data tal-iffirmar tiegħu, fil-pendenza tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 12

Dan il-Protokoll għandu jgħod f'żewġ kopji bil-Għarbi, bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Inglist, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, u kull wiehied minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Libanu